Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 4 ta' Ottubru 2019**
**(OR. en)**

**12284/1/19**
**REV 1**

**FISC 367**
**ECOFIN 800**

**NOTA PUNT "I/A"**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| lil: | Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill |
| Suġġett: | Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa<br>• Rapport mill-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (Tassazzjoni tal-Intrapriżi) li jissuġġerixxi emendi għall-Annessi tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2019, inkluż it-tneħħija ta' żewġ ġurisdizzjonijiet, u l-approvazzjoni ta' nota ta' gwida |

1. Fit-12 ta' Marzu 2019, il-Kunsill ECOFIN adotta l-Konklużjonijiet tal-Kunsill[1] li rrivedew il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa (Anness I) u s-sitwazzjoni attwali tal-kooperazzjoni mal-UE fir-rigward tal-impenji meħuda biex jiġu implimentati l-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa (Anness II) inizjalment approvati mill-Kunsill ECOFIN fil-5 ta' Diċembru 2017[2] u sussegwentement immodifikati/aġġornati mill-Kunsill fit-23 ta' Jannar 2018[3], it-13 ta' Marzu 2018[4], il-25 ta' Mejju 2018[5], it-2 ta' Ottubru 2018[6], is-6 ta' Novembru 2018[7] u l-4 ta' Diċembru 2018[8].

[1] ĠU C 114 2019 paġni 2-8.
[2] ĠU C 438 2017 paġni 5-24.
[3] ĠU C 29 2018 paġna 2.
[4] ĠU C 100 2018 paġni 4-5.
[5] ĠU C 191 2018 paġni 1-3.
[6] ĠU C 359 2018 paġni 3-5.
[7] ĠU C 403 2018 paġni 4-6.
[8] ĠU C 441 2018 paġni 3-4.

2. Barra minn hekk, waqt li jfakkru fil-paragrafu 11 tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-5 ta' Diċembru 2017, il-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2019 ikkonfermaw li l-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (minn hawn 'il quddiem "COCG") *għandu jirrakkomanda lill-Kunsill biex fi kwalunkwe mument jaġġorna, mill-inqas darba fis-sena, il-lista tal-UE li tinsab fl-Anness I kif ukoll is-sitwazzjoni attwali mniżżla fl-Anness II abbażi ta' kull impenn meħud jew tal-implimentazzjoni tiegħu; iżda, mill-2020 'il quddiem, dawk l-aġġornamenti tal-lista tal-UE ma għandhomx isiru aktar minn darbtejn fis-sena, sabiex l-Istati Membri jkollhom biżżejjed żmien, fejn ikun meħtieġ, li jemendaw il-leġislazzjoni interna tagħhom*" (paragrafu 16) biex b'hekk kien hemm qbil li għandu jinżamm proċess dinamiku matul l-2019.

3. Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa ġiet sussegwentement modifikata mill-Kunsill ECOFIN fis-17 ta' Mejju 2019[9] u fl-14 ta' Ġunju 2019[10], bit-tneħħija ta' Aruba, il-Barbados, Bermuda u Dominica. Fl-istess okkażjoni, saru wkoll aġġornamenti oħra għall-Annessi I u II tal-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2019.

**It-tneħħija mill-Anness I**

4. Minn dak iż-żmien 'l hawn, fil-15 ta' Awwissu 2019, il-Gżejjer Marshall adottaw emenda għar-Regolament dwar is-Sustanza Ekonomika tagħhom tal-2018, u b'hekk solvew l-aħħar qasam ta' tħassib tal-UE[11], jiġifieri l-kwistjoni li tiġi evidenzjata r-residenza tat-taxxa f'ġurisdizzjoni oħra, li ħolqot riskju sinifikanti ta' ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti tas-sustanza u l-iskambju ta' informazzjoni relatat.

---

[9] ĠU C 176 2019 paġni 2-5.

[10] ĠU C 210 2019 paġni 8-11.

[11] Fil-21 ta' Frar 2019, il-Gżejjer Marshall kienu adottaw emendi preċedenti għar-Regolamenti dwar is-Sustanza Ekonomika 2018 tagħhom tal-2018 iżda dawn ma tqisux suffiċjenti mis-COCG b'kont meħud ta' dan l-aħħar qasam ta' tħassib u għal din ir-raġuni, il-Gżejjer Marshall ġew elenkati fl-Anness I mill-Kunsill ECOFIN fit-12 ta' Marzu 2019.

Is-sottogrupp tas-COCG dwar kwistjonijiet esterni eżamina din l-emenda fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Settembru 2019 u kkonkluda li l-Gżejjer Marshall issa kienu implimentaw bis-sħiħ l-impenn tagħhom li jintroduċu rekwiżiti ta' sustanza skont il-kriterju 2.2 u għalhekk setgħu jitneħħew mill-Anness I (tneħħija mil-lista). Meta jitqies li r-rieżami tal-Gżejjer Marshall mill-Forum Globali għadu għaddej u li għandu jiġi rilaxxat aktar tard f'Settembru 2019, is-sottogrupp ikkonkluda wkoll li l-Gżejjer Marshall għandhom madankollu jibqgħu fit-taqsima 1.2 tal-Anness II (skambju ta' informazzjoni fuq talba) sakemm joħroġ ir-riżultat ta' dan ir-rieżami. Is-COCG ikkonferma dawn il-konklużjonijiet fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Settembru 2019.

5. Fit-30 ta' April 2019, l-Emirati Għarab Magħquda (UAE) adottaw ir-Regolament dwar is-Sustanza Ekonomika tagħhom permezz tar-Riżoluzzjoni nru 31 tal-2019. Dan ir-Regolament irrifletta ħafna mill-feedback li kienu rċevew mingħand is-COCG iżda introduċew eżenzjoni ġenerali għall-entitajiet kollha li fihom il-gvern tal-UAE, jew kwalunkwe mill-Emirati tal-UAE, kellhom sjieda diretta jew indiretta (l-ebda livell limitu) fil-kapital azzjonarju tiegħu. Il-laqgħa tas-COCG tal-20 ta' Mejju 2019 qieset li dan ħoloq riskju sinifikanti ta'ċirkomvenzjoni tar-rekwiżiti tas-sustanza u kkonkluda li l-UAE kienu għadhom mhumiex konformi mal-kriterju 2.2. Madankollu, minn dakinhar l-UAE fl-1 ta' Settembru 2019 adottaw emenda għar-Riżoluzzjoni Nru 31 tal-2019 li introduċiet limitu ta' 51 % sjieda tal-gvern (diretta jew indiretta) ta' kapital azzjonarju.

Is-sottogrupp tas-COCG dwar kwistjonijiet esterni eżamina l-abbozz ta' emenda leġislattiva ta' hawn fuq fil-laqgħa tiegħu tal-4 ta' Settembru 2019 u kkonkluda li, jekk tiġi adottata, din għandha ssolvi t-tħassib tal-UE. Is-COCG fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Settembru sussegwentement irċieva l-konferma tal-adozzjoni tal-emenda msemmija hawn fuq, u kkonkluda li l-UAE issa implimentaw bis-sħiħ l-impenn tagħhom li jintroduċu rekwiżiti ta' sustanza skont il-kriterju 2.2 u għalhekk jistgħu jitneħħew mill-Anness I (tneħħija mil-lista).

**Aġġornamenti tal-Anness II**

6. Wara li n-Namibja ssieħbet fis-26 ta' Awwissu 2019 mal-Forum Globali dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' informazzjoni għal skopijiet ta' taxxa, il-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru 2019 qablet li għandha titneħħa mit-taqsima 1.2 tal-Anness II.

7. Wara li l-Marokk u s-Serbja rratifikaw, rispettivament fit-22 ta' Mejju u fit-30 ta' Awwissu 2019, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka ("MAC") kif emendata, il-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru 2019 qablet li dawn għandhom jitneħħew mit-taqsima 1.3 tal-Anness II.

8. Fil-15 ta' Mejju 2019, il-Costa Rica adottat emendi leġislattivi għar-reġim tagħha taż-Żoni Ħielsa (CR001). Dawn ġew rieżaminati mill-Forum tal-OECD dwar Prattiki dwar it-Taxxa Dannużi (FHTP) fil-laqgħa tiegħu tad-19 sal-21 ta' Ġunju 2019, li kkonkluda li dawn ma kinux dannużi. Is-COCG approva din il-konklużjoni waqt il-laqgħa tiegħu tal-10 ta' Lulju 2019. Meta wieħed iqis li dawn l-emendi leġislattivi indirizzaw ukoll l-attivitajiet tal-manifattura li jaqgħu taħt ir-reġim taż-żoni ħielsa (CR002), is-COCG ikkonkluda fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Settembru 2019 li l-Costa Rica kienet implimentat bis-sħiħ l-impenn tagħha li tneħħi l-karatteristiċi dannużi tar-reġim taż-Żoni Ħielsa tagħha u għalhekk għandha titneħħa mit-taqsima 2.1 tal-Anness II.

9. Fil-25 ta' Lulju 2019, Mauritius adotta l-Liġi dwar il-Finanzi tal-2019 tiegħu u fis-16 ta' Awwissu 2019 adotta regolamenti addizzjonali li emendaw il-leġislazzjoni applikabbli għar-reġimi tiegħu taż-żona tal-Freeport (MU012) u tal-Eżenzjoni Parzjali (MU010).

   Il-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru 2019 eżaminat dawn l-emendi u kkonkludiet li Mauritius kien issodisfa l-impenn tiegħu li jindirizza n-nuqqasijiet identifikati f'dawn iż-żewġ reġimi: filwaqt li r-reġim taż-żona tal-Freeport ma għadux preferenzjali, iddaħħlu rekwiżiti ta' sustanza fiż-żewġ reġimi u l-kwistjoni tan-nuqqas ta' regoli kontra l-abbuż ġiet indirizzata bl-introduzzjoni tar-regoli dwar is-CFC allinjati b'mod ġenerali ma' dawk tad-direttiva tal-UE kontra l-evitar tat-taxxa (ATAD 1). B'riżultat ta' dan, is-COCG ikkonkluda li Mauritius għandu għalhekk jitneħħa mit-taqsima 2.1 tal-Anness II.

10. L-Iżvizzera adottat ir-riforma tat-taxxa tagħha f'Ottubru 2018 iżda d-dħul fis-seħħ u l-applikazzjoni tal-leġislazzjoni ġew posposti sakemm joħroġ ir-riżultat tar-referendum f'Mejju 2019 u għal din ir-raġuni l-Iżvizzera ngħatat sena oħra biex tikkonforma mal-kriterju 2.1 "*minħabba kwistjonijiet istituzzjonali jew kostituzzjonali ġenwini minkejja progress tanġibbli fl-2018*". Wara l-eżitu pożittiv ta' dan ir-referendum, f'Awwissu 2019, l-Iżvizzera infurmat lis-COCG li r-riżultati uffiċjali kienu ġew ippubblikati fil-Gazzetta Uffiċjali. B'riżultat ta' dan, il-leġislazzjoni rilevanti daħlet fis-seħħ fis-16 ta' Lulju 2019 u ser tibda tapplika fl-1 ta' Jannar 2020, filwaqt li l-Iżvizzera kienet diġà ħabbret li r-reġimi federali CH004 u CH005 tagħha kienu ngħalqu għal parteċipanti ġodda mill-1 ta' Jannar 2019.

Il-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru 2019 irrieżaminat is-sitwazzjoni u kkonkludiet li għalhekk l-Iżvizzera għandha titneħħa mit-taqsima 2.1 tal-Anness II abbażi li r-riformi meħtieġa kienu ġew adottati u ppubblikati.

11. Il-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru 2019 qablet ukoll li l-iskadenza biex in-Namibja tikkonforma mal-kriterju 2.1 għandha tinbidel mid-9 ta' Novembru għal tmiem l-2019, li teħtieġ emenda għall-Anness II. L-objettiv huwa li l-iskadenza tiġi allinjata ma' dik ta' kriterji u ġurisdizzjonijiet oħra u li jiġu rispettati ċ-ċikli baġitarji nazzjonali.

12. Barra minn hekk, peress li l-Albanija, il-Bożnija-Ħerzegovina, l-Eswatini u n-Namibja ngħaqdu mal-Qafas Inklużiv dwar il-BEPS rispettivament fit-8 ta' Awwissu, il-11 ta' Lulju, is-26 ta' Lulju u d-9 ta' Awwissu 2019, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta qabel fit-13 ta' Settembru 2019 li dawn għandhom jitneħħew mit-taqsima 3.1 tal-Anness II.

13. B'riżultat ta' dan, l-Albanija, il-Costa Rica, il-Mauritius, is-Serbja u l-Iżvizzera ser jitneħħew kompletament mill-Anness II.

**Kwistjonijiet oħra**

14. Fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Settembru 2019, is-COCG irrieżamina wkoll is-sitwazzjoni tal-ġurisdizzjonijiet wara t-tmiem tal-eċċezzjoni ta' "tnejn minn tlieta" għall-kriterji ta' trasparenza fiskali fi tmiem Ġunju 2019, u kkonkluda li l-ġurisdizzjonijiet kollha koperti jissodisfaw ir-rekwiżiti tal-UE. B'mod partikolari kkonkluda li:

a) Sabiex jiġi ssodisfat il-kriterju 1.3 tal-UE[12], l-Istati Uniti għandu jkollhom arranġamenti mal-Istati Membri kollha li jippermettu kemm l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni (AEOI) kif ukoll l-iskambju effettiv ta' informazzjoni fuq talba (EOIR) meta jitqies li l-Istati Uniti ffirmaw il-Protokoll li jemenda l-MAC iżda għadhom ma rratifikawhx. Għal finijiet tal-AEOI, il-ftehimiet tal-awtorità kompetenti tal-FATCA (CAA) bejn l-Istati Uniti u l-Istati Membri kollha tqiesu suffiċjenti biex jissodisfaw ir-rekwiżit tal-UE. Fir-rigward tal-EOIR, l-Istati Uniti għandhom ftehimiet dwar it-tassazzjoni doppja (DTT) u/jew Ftehimiet ta' Skambju ta' Informazzjoni dwar it-Taxxa (TIEA) mal-Istati Membri kollha ħlief il-Kroazja. Madankollu, il-Kroazja u l-Istati Uniti jiddependu fuq il-MAC mhux emendat tal-1988 għal finijiet tal-EOIR u, wara djalogu bejn il-President tas-COCG u t-Teżor tal-Istati Uniti, ġie nnutat li l-EOIR li seħħ s'issa bejn il-Kroazja u l-Istati Uniti huwa effettiv u sodisfaċenti miż-żewġ naħat. Barra minn hekk, fit-3 ta' Settembru 2019 il-Ministru għall-Finanzi tal-Kroazja rċieva ittra uffiċjali mingħand it-Teżor tal-Istati Uniti li ddikjarat li ser ikompli l-iskambju ta' informazzjoni dwar it-taxxa mal-Kroazja f'konformità mal-istandards internazzjonali u l-ħtiġijiet rispettivi taż-żewġ naħat. B'riżultat ta' dan, is-COCG ikkonkluda li l-Istati Uniti jistgħu jitqiesu li jissodisfaw il-kondizzjonijiet stabbiliti fil-kriterju 1.3.

b) Niue adottat il-leġislazzjoni primarja u sekondarja meħtieġa għall-implimentazzjoni tal-Istandard Komuni ta' Rappurtar (CRS) u sat-2 ta' Settembru 2019 lestiet il-passi meħtieġa għall-attivazzjoni ta' relazzjonijiet ta' skambju bilaterali tal-AEOI mal-Istati Membri kollha tal-UE. B'riżultat ta' dan, is-COCG kkonkluda li Niue tikkonforma mal-kriterju 1.1.

12 L-Istati Uniti kienu diġà meqjusa li jissodisfaw il-kriterji 1.1 u 1.2 tal-UE f'Diċembru 2017.

c) Ġurisdizzjonijiet oħra identifikati mis-COCG bħala possibbilment affettwati mit-tmiem tal-eċċezzjoni ta' "tnejn minn tlieta" (b'mod partikolari: Iżrael u Vanuatu) kienu diġà kkonformaw fi stadju aktar bikri billi lestew il-passi meħtieġa għall-attivazzjoni ta' relazzjonijiet ta' skambju bilaterali tal-AEOI mal-Istati Membri kollha tal-UE.

15. Is-COCG eżamina wkoll il-bidliet leġislattivi li seħħew fil-Gżejjer Cayman skont il-kriterju 2.2 wara l-laqgħa tal-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Marzu 2019. Dawn l-emendi ġew eżaminati fil-laqgħa tas-COCG tal-20 ta' Mejju 2019 u l-laqgħat tas-sottogruppi tas-COCG tal-5 ta' Lulju u tal-4 ta' Settembru 2019, li esprimew tħassib li l-Gżejjer Cayman introduċew karatteristiċi li jistgħu jitqiesu bħala mhux konformi mar-rekwiżiti tal-UE.

Aktar bidliet leġislattivi, li ġew ippubblikati fl-10 ta' Settembru 2019[13], ġew eżaminati mil-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru, li fiha l-Grupp ikkonkluda li l-Gżejjer Cayman jibqgħu konformi mal-kriterju 2.2 tal-UE (ħlief fir-rigward tal-fondi ta' investiment kollettiv[14]).

16. Il-laqgħa tas-COCG tat-13 ta' Settembru 2019 qablet ukoll rigward gwida ġdida dwar "reġimi ta' eżenzjoni ta' introjtu minn sorsi barranin" li tinsab fl-Anness 2 għal din in-nota.

Il-Kunsill ECOFIN tat-12 ta' Marzu 2019 kien innota bi tħassib is-sostituzzjoni ta' reġimi fiskali preferenzjali dannużi b'miżuri bħal dawn ta' effett simili f'ċerti ġurisdizzjonijiet. Dawn il-ġurisdizzjonijiet ħadu impenji biex jemendaw jew jabolixxu dawn il-miżuri sa tmiem l-2019 u, minn dak iż-żmien 'l hawn, saru skambji bilaterali fil-livell tekniku. Din il-gwida għalhekk għandha l-għan li tifformalizza r-rekwiżiti stabbiliti mill-UE kif ukoll li tipprovdi trasparenza dwar l-approċċ adottat mis-COCG fir-rigward ta' dawn ir-reġimi.

---

13 http://www.gov.ky/portal/pls/portal/docs/1/12852496.PDF

14 Il-Gżejjer Cayman impenjaw ruħhom li jindirizzaw it-tħassib relatat mas-sustanza ekonomika fil-qasam tal-fondi ta' investiment kollettiv u jadattaw il-leġislazzjoni tagħhom sa tmiem l-2019.

**It-triq 'il quddiem**

17. Il-Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti huwa għalhekk mistieden jissuġġerixxi li f'Ottubru 2019, il-Kunsill ECOFIN:

– jadotta l-Annessi I u II aġġornati għall-konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2019 li jinsabu fl-Anness 1 għal din in-nota, li jirriflettu l-iżviluppi deskritti hawn fuq, bħala punt "A" fuq l-aġenda,

– jaqbel dwar il-pubblikazzjoni tagħhom fil-Ġurnal Uffiċjali,

– japprova l-konklużjoni milħuqa mis-COCG fir-rigward tat-tmiem tal-eċċezzjoni "tnejn minn tlieta" għall-kriterji dwar it-trasparenza fiskali, u l-Gżejjer Cayman skont il-kriterju 2.2,

– japprova l-gwida dwar ir-reġimi ta' eżenzjoni tal-introjtu minn sorsi barranin mehmuża ma' din in-nota (Anness 2).

**ANNESS 1**

B'effett mill-jum tal-pubblikazzjoni f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, l-Annessi I u II tal-Konklużjonijiet tal-Kunsill tat-12 ta' Marzu 2019 dwar il-lista riveduta tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa[15], kif emendata fit-22 ta' Mejju 2019[16] u l-21 ta' Ġunju 2019[17], huma sostitwiti bl-Annessi I u II ġodda li ġejjin:

ANNESS I

**Il-lista tal-UE ta' ġurisdizzjonijiet li ma jikkooperawx għal finijiet ta' taxxa**

**1. Is-Samoa Amerikana**

Is-Samoa Amerikana ma tapplika l-ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmatx u ma rratifikatx, inkluż permezz tal-ġurisdizzjoni li huma dipendenti fuqha, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, ma impenjatx ruħha li tapplika l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjatx ruħha li tindirizza dawn il-kwistjonijiet.

**2. Il-Belize**

Il-Belize għadu ma emendax jew abolixxa reġim preferenzjali ta' taxxa wieħed dannuż.

L-impenn tal-Belize li jemenda jew jabolixxi r-reġim preferenzjali ta' taxxa dannuż li għadu kif ġie identifikat sa tmiem l-2019 ser jiġi ssorveljat.

---

15 ĠU C 114, 26.03.2019, pp. 2-8.
16 ĠU C 176, 22.05.2019, pp. 2-5.
17 ĠU C 210, 21.06.2019, pp. 8-11.

**3. Fiġi**

Fiġi għadu ma emendax jew abolixxa r-reġimi ta' taxxa preferenzjali dannużi tiegħu.

L-impenn ta' Fiġi li jikkonforma mal-kriterji 1.2, 1.3 u 3.1 sa tmiem l-2019 ser ikompli jiġi sorveljat.

**4. Guam**

Guam ma japplika ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmax u ma rratifikax, inkluż permezz tal-ġurisdizzjoni li hu dipendenti fuqha, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, ma impenjax ruħu li japplika l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjax ruħu li jindirizza dawn il-kwistjonijiet.

**5. L-Oman**

L-Oman ma japplika ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmax u ma rratifikax il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, u għadu ma solviex dawn il-kwistjonijiet.

**6. Samoa**

Samoa għandha reġim preferenzjali ta' taxxa dannuż u ma impenjatx ruħha li tindirizza din il-kwistjoni.

Barra minn hekk, Samoa impenjat ruħha li tikkonforma mal-kriterju 3.1 sa tmiem l-2018 iżda ma solvietx din il-kwistjoni.

**7. Trinidad u Tobago**

Trinidad u Tobago għandhom klassifikazzjoni ta' "Mhux Konformi" mill-Forum Globali dwar it-Trasparenza u l-Iskambju ta' Informazzjoni għal Skopijiet ta' Taxxa għall-Iskambju ta' Informazzjoni fuq Talba.

L-impenn ta' Trinidad u Tobago li jikkonformaw mal-kriterji 1.1, 1.2, 1.3 u 2.1 sa tmiem l-2019 ser jiġi sorveljat.

**8. Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti**

Il-Gżejjer Verġni tal-Istati Uniti ma japplikaw ebda skambju awtomatiku ta' informazzjoni finanzjarja, ma ffirmawx u ma rratifikawx, inkluż permezz tal-ġurisdizzjoni li huma dipendenti fuqha, il-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka kif emendata, għandhom reġimi preferenzjali ta' taxxa dannużi, ma impenjawx ruħhom li japplikaw l-istandards minimi tal-BEPS u ma impenjawx ruħhom li jindirizzaw dawn il-kwistjonijiet.

**9. Vanuatu**

Vanuatu jiffaċilita strutturi u arranġamenti offshore li għandhom l-għan li jattiraw qligħ mingħajr sustanza ekonomika reali u għadu ma solviex din il-kwistjoni.

**Is-sitwazzjoni attwali tal-kooperazzjoni mal-UE fir-rigward tal-impenji meħuda biex jiġu implimentati l-prinċipji ta' governanza tajba fil-qasam tat-taxxa**

**1. Trasparenza**

*1.1 Impenn li jimplimentaw l-iskambju awtomatiku ta' informazzjoni, kemm bl-iffirmar tal-Ftehim Multilaterali bejn l-Awtoritajiet Kompetenti jew permezz ta' ftehimiet bilaterali*

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jimplimentaw skambju awtomatiku ta' informazzjoni sa tmiem l-2019:

**Palau u t-Turkija**

*1.2 Is-sħubija tal-Forum Globali dwar it-trasparenza u l-iskambju ta' Informazzjoni għal skopijiet ta' taxxa ("Forum Globali") u l-klassifikazzjoni sodisfaċenti b'rabta mal-iskambju ta' informazzjoni fuq talba*

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin, li impenjaw ruħhom li jkollhom klassifikazzjoni suffiċjenti sa tmiem l-2018, qegħdin jistennew eżami supplimentari mill-Forum Globali:

**Anguilla, il-Gżejjer Marshall u Curaçao.**

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri tal-Forum Globali u/jew ikollhom klassifikazzjoni suffiċjenti sa tmiem l-2019:

**Il-Ġordan, Palau, it-Turkija u l-Vjetnam.**

*1.3 Iffirmar u ratifika tal-Konvenzjoni Multilaterali tal-OECD dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka (MAC) jew in-netwerk ta' ftehimiet li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE*

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jiffirmaw u jirratifikaw il-Konvenzjoni dwar l-Assistenza Amministrattiva Reċiproka jew li jkollhom fis-seħħ netwerk ta' ftehimiet li jkopru l-Istati Membri kollha tal-UE sa tmiem l-2019:

**l-Armenja, il-Bożnija-Ħerzegovina, il-Botswana, Cape Verde, l-Eswatini, il-Ġordan, il-Maldivi, il-Mongolja, il-Montenegro, in-Namibja, ir-Repubblika tal-Maċedonja ta' Fuq, Palau, it-Tajlandja u l-Vjetnam.**

**2. Tassazzjoni ġusta**

*2.1 L-eżistenza ta' reġimi ta' taxxa dannużi*

Il-ġurisdizzjoni li ġejja, li impenjat ruħha li temenda jew tabolixxi r-reġimi ta' taxxa dannużi tagħha li jkopru attivitajiet ta' manifattura u attivitajiet simili li mhumiex wisq mobbli sa tmiem l-2018 u wriet progress tanġibbli biex tagħti bidu għal dawn ir-riformi fl-2018, ingħatat sa tmiem l-2019 biex tadatta l-leġislazzjoni tagħha:

**il-Marokk.**

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin, li impenjaw ruħhom li jemendaw jew jabolixxu r-reġimi ta' taxxa dannużi tagħhom sa tmiem l-2018 iżda nżammu milli jagħmlu dan minħabba kwistjonijiet istituzzjonali jew kostituzzjonali ġenwini minkejja progress tanġibbli fl-2018, ingħataw sa tmiem l-2019 biex jadattaw il-leġislazzjoni tagħhom:

**Il-Gżejjer Cook u l-Maldivi.**

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jemendaw jew jabolixxu r-reġimi ta' taxxa dannużi sa tmiem l-2019:

**Antigua u Barbuda, l-Awstralja, Curaçao, il-Marokk, in-Namibja, Saint Kitts u Nevis, Saint Lucia u s-Seychelles.**

Il-ġurisdizzjoni li ġejja hija impenjata li temenda jew tabolixxi r-reġim ta' taxxa dannuż sa tmiem l-2020:

**il-Ġordan.**

*2.2. L-eżistenza ta' reġimi ta' taxxa li jiffaċilitaw strutturi offshore li jattiraw qligħ mingħajr attività ekonomika reali*

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin, li impenjaw ruħhom li jindirizzaw it-tħassib marbut mas-sustanza ekonomika fil-qasam tal-fondi ta' investiment kollettivi, ħadu sehem fi djalogu pożittiv mal-Grupp u baqgħu jikkooperaw, ingħataw sa tmiem l-2019 biex jadattaw il-leġislazzjoni tagħhom:

**Il-Bahamas, il-Bermuda, il-Gżejjer Verġni Brittaniċi u l-Gżejjer Cayman.**

Il-ġurisdizzjoni li ġejja hija impenjata li tindirizza t-tħassib relatat mas-sustanza ekonomika sa tmiem l-2019:

**il-Barbados.**

**3. Miżuri kontra l-BEPS**

*3.1 Sħubija fil-Qafas Inklużiv tal-BEPS jew impenn għall-implimentazzjoni tal-istandards minimi tal-OECD kontra l-BEPS*

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri tal-Qafas Inklużiv tal-BEPS jew jimplimentaw l-istandards minimi tal-OECD kontra l-BEPS sa tmiem l-2019:

**il-Ġordan u l-Montenegro.**

Il-ġurisdizzjonijiet li ġejjin huma impenjati li jsiru membri tal-Qafas Inklużiv tal-BEPS jew jimplimentaw l-istandards minimi tal-OECD kontra l-BEPS jekk u meta dan l-impenn ser isir rilevanti:

**Nauru, Niue u Palau.**

**ANNESS 2**

**Gwida dwar**

**REĠIMI TA' EŻENZJONI TA' INTROJTU MINN SORSI BARRANIN**

Fl-20 ta' Mejju 2019, il-Grupp dwar il-Kodiċi tal-Kondotta (COCG) qabel dwar approċċ għall-valutazzjoni tar-reġimi ta' eżenzjoni ta' introjtu minn sorsi barranin. Abbażi ta' dan l-approċċ, dawn il-linji gwida għandhom jipprovdu direzzjoni għall-ġurisdizzjonijiet li diġà impenjaw ruħhom li jemendaw l-eżenzjonijiet ta' introjtu minn sorsi barranin tagħhom, minħabba karatteristiċi dannużi identifikati mis-COCG. Il-linji gwida ser iservu wkoll bħala bażi għall-iskrinjar ta' ġurisdizzjonijiet oħra b'reġimi simili qabel tmiem l-2019.

Reġimi ta' eżenzjoni ta' introjtu minn sorsi barranin, jew reġimi li jimponu taxxa korporattiva fuq bażi territorjali mhumiex, fihom infushom, problematiċi. Fil-fatt, l-eżenzjoni ta' profitti barranin hija aċċettabbli u saħansitra rakkomandabbli, f'ċerti każijiet, sabiex tiġi evitata t-tassazzjoni doppja. Madankollu, jinqalgħu problemi meta reġimi bħal dawn mhux biss jipprevjenu t-tassazzjoni doppja, iżda joħolqu wkoll sitwazzjonijiet ta' nontassazzjoni doppja. Dan huwa partikolarment il-każ għal reġimi li għandhom (i) definizzjoni wiesgħa żżejjed tal-introjtu eskluż mit-tassazzjoni, b'mod partikolari introjtu passiv minn sorsi barranin mingħajr ebda kondizzjoni jew salvagwardja, u/jew (ii) definizzjoni ta' rabta li mhijiex konformi mad-definizzjoni ta' stabbiliment permanenti fil-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD.

Is-COCG vvaluta reġimi bħal dawn fil-passat u bbaża ruħu fuq il-preċedenti tas-COCG bħala l-bażi ta' din il-gwida. Il-valutazzjonijiet preċedenti mhux ser jiġu affettwati minn din il-gwida. Ir-reġimi li ma ġewx rieżaminati mis-COCG jistgħu jiġu rieżaminati abbażi ta' din il-gwida u l-kriterji tal-Kodiċi ta' Kondotta. Il-proċedura attwali għall-ftuħ mill-ġdid tal-valutazzjonijiet tibqa' valida.

**Introjtu passiv**

Fl-2017, is-COCG sab li sistema fiskali li teskludi kompletament l-introjtu passiv b'rabta barranija mit-tassazzjoni, mingħajr ebda kondizzjoni, hija dannuża. Dan huwa l-każ anki jekk il-profitti jiġu determinati bl-użu ta' prinċipji stabbiliti internazzjonalment, peress li l-effett aħħari huwa l-istess bħal reġim li jipprovdi trattament ta' benefiċċju għal kumpaniji offshore b'livell baxx ta' jew bl-ebda sustanza.

Reġimi ta' eżenzjoni minn sorsi barranin li huma wiesgħa biżżejjed biex jinkludu introjtu passiv, mingħajr ebda kondizzjoni, jistgħu jirriżultaw f'delimitazzjoni u nuqqas ta' sustanza. Id-delimitazzjoni tirriżulta minħabba li introjtu passiv riċevut ġeneralment ikun jeħtieġ tranżazzjoni ma' persuna mhux residenti. L-introjtu passiv ġeneralment ma jkunx akkoppjat ma' rekwiżiti ta' sustanza ekonomika. Is-COCG sab li l-eżenzjoni tal-introjtu passiv mingħajr kondizzjonijiet ċari (eż. ir-rabta espliċita ma' xi attività reali fil-ġurisdizzjoni) tmur kontra l-prinċipji tal-Kodiċi.

**Introjtu Attiv**

Is-COCG qabel li l-valutazzjoni tar-reġimi ta' introjtu minn sorsi barranin għandha tiffoka primarjament fuq l-eżenzjoni tal-introjtu passiv. Madankollu, is-COCG qabel ukoll li kien essenzjali li jitqiesu karatteristiċi speċifiċi ta' dawn ir-reġimi marbuta ma' introjtu attiv – b'mod partikolari, jekk l-introjtu attiv huwiex intaxxat u kif inhu intaxxat.

B'mod partikolari, reġimi li jestendu l-eżenzjoni għal introjtu attiv minn operazzjonijiet barranin għandhom ukoll jiġu kkunsidrati b'attenzjoni, peress li dan jista' jiskatta każijiet ta' nontassazzjoni doppja.

Għalhekk, l-analiżi ser tiffoka fuq id-definizzjoni tal-introjtu meqjus li għandu s-sors tiegħu fil-ġurisdizzjoni, peress li dan ser jiddetermina jekk l-introjtu tan-negozju jiġix intaxxat jew le skont il-prinċipji internazzjonali. Din l-analiżi ser tagħti ħarsa lejn jekk il-ġurisdizzjoni applikatx definizzjoni ta' Stabbiliment Permanenti f'konformità ma' dik tal-Mudell ta' Konvenzjoni dwar it-Taxxa tal-OECD. Dan huwa l-prinċipju maqbul internazzjonalment biex tiġi vvalutata l-preżenza ekonomika ta' entità f'ġurisdizzjoni oħra, biex tiġi ddeterminata l-allokazzjoni tad-dritt ta' ntaxxar.

**Opzjonijiet għar-rimedju ta' reġimi ta' eżenzjoni ta' introjtu barrani dannużi**

Ġurisdizzjonijiet b'reġimi ta' eżenzjoni fuq introjtu minn sorsi barranin li jitqiesu bħala dannużi għandhom jew jabolixxu r-reġimi inkwistjoni jew jemendawhom biex ineħħu l-karatteristiċi dannużi.

Il-ġurisdizzjonijiet għandhom jew:

- Idaħħlu tassazzjoni tal-introjtu passiv; jew
- jekk jeskludu mit-tassazzjoni ċerti tipi ta' introjtu passiv:
    - o jimplimentaw rekwiżiti ta' sustanza adegwati għall-entitajiet ikkonċernati, f'konformità mal-Kodiċi ta' Kondotta tal-UE (Tassazzjoni tal-Intrapriżi)[18];
    - o ikollhom fis-seħħ regoli robusti kontra l-abbuż; u
    - o ineħħu kull diskrezzjoni amministrattiva fid-determinazzjoni tal-introjtu li għandu jiġi eskluż mit-tassazzjoni.

Barra minn hekk, il-ġurisdizzjonijiet għandhom jiżguraw l-applikazzjoni ta' prinċipji internazzjonali fir-rigward tat-tassazzjoni ta' introjtu attiv, b'mod partikolari fir-rigward tad-definizzjoni ta' stabbiliment permanenti pprovduta mill-Konvenzjoni Mudell tal-OECD rigward it-Trattati kontra t-Taxxa Doppja (inkluż billi tiġi emendata d-definizzjoni ta' stabbiliment permanenti fi trattat kontra t-taxxa doppja diġà fis-seħħ li ma jirrispettax il-prinċipji internazzjonali) u l-allokazzjoni konsegwenti tal-introjtu.

---

[18] Meta l-ġurisdizzjonijiet ikunu qed jiġu vvalutati skont il-Kriterju 2.1, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' sustanza fil-gwida tas-COCG dwar l-interpretazzjoni tat-tielet kriterju (dok. 10419/18).
Meta l-ġurisdizzjonijiet ikunu qed jiġu vvalutati skont il-Kriterju 2.2, għandhom japplikaw ir-rekwiżiti ta' sustanza skont id-dokument ta' orjentazzjoni tas-COCG dwar il-kriterju 2.2 (dok. 10421/18).

Peress li kull wieħed minn dawn ir-reġimi għandu l-ispeċifiċitajiet tiegħu, is-COCG qabel li s-servizzi tal-Kummissjoni għandhom jaħdmu mal-ġurisdizzjonijiet inkwistjoni biex jiċċaraw l-oqsma ta' tħassib. Għandhom jiġu żviluppati soluzzjonijiet ibbażati fuq il-linji gwida ta' hawn fuq, sabiex jiġu indirizzati l-kwistjonijiet speċifiċi identifikati mis-COCG għal kull reġim. Għaldaqstant, din il-Gwida ma għandhiex tiġi ttrattata bħala dokument għalih waħdu u għandha tiġi akkumpanjata minn pariri tekniċi u minn interazzjoni mal-ġurisdizzjonijiet li qed jiġu rieżaminati.

**Ir-Rieżami**

Il-ġlieda kontra miżuri fiskali dannużi hija proċess kontinwu. Din in-nota ta' gwida għalhekk ser tiġi riveduta perjodikament mis-COCG biex jiġi żgurat li tirrifletti żviluppi futuri.